**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 9 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 99/19 AGV**

**Rikors konguntiv ta' AB u CB.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet pprezentat fil-25 ta' Frar, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' Awissu, 1992 u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg market Dok.A.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

3. Illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, nhar it-30 ta' Jannar, 2019, kopja legali tieghu qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata Dok B;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghall rikonciljazzjoni bejniethom stante li minkejja li sseparaw *de lege* fit-30 ta' Jannar, 2019 ilhom *de facto* separati ghal aktar minn ghoxrin sena kif stipulat fl-artikolu 13 tal-kuntratt ta' separazzjoni anness.

5. Illi ma hemmx kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom separati skond kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Sylvana Borg Caruana, fit-30 ta' Jannar, 2019, izda ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn ghoxrin sena u ghalhekk ghaddew aktar minn erba' snin rikjesti sabiex jinhall iz-zwieg.

Jikkonfermaw li m'ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni peress li llum ghandhom hajja separata minn xulxin.

Jikkonfermaw ukoll li m'hemmx pendenzi ta' manteniment bejniethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talbiet tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
It-terminu ghall-appell qed jigi abbrevjat ghal gurnata.
L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef** **Dep Reg**